C/2024/1717

22.2.2024

Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Kawża M. 11411 — BPIFRANCE / MERIDIAM / EXOES)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2024/1717)

1. Fit-13 ta' Frar 2024, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 139/2004 tal-Kunsill u wara rinviju skont l-Artikolu 4(5) ta' dan ir-Regolament ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Bpifrance Investissement (Franza), ikkontrollata minn Caisse des Dépôts et Consignations (Franza)

— Meridiam SAS ("Meridiam") (Franza), ikkontrollata minn Meridiam Infrastructure Partners S.A.S. (Franza)

— Groupe Exoès (l-"impriża konġunta") (Franza).

Bpifrance Investissement u Meridiam se jakkwistaw, skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt tal-JV.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma dawn li ġejjin:

— Bpifrance Investissement hija kumpanija ta' ġestjoni tal-assi approvata u ssorveljata mill-*Autorité des Marchés Financiers* fi Franza,

— Meridiam hija investitur globali u maniġer tal-assi li jispeċjalizza fil-ġestjoni sostenibbli tal-assi u, b'mod partikolari, fl-iżvilupp u l-ġestjoni ta' proġetti kummerċjali li jiffaċilitaw it-tranżizzjoni ekoloġika,

— L-impriża konġunta hija speċjalista fis-sistemi termali għall-batteriji elettriċi, il-muturi elettriċi, l-elettronika tal-enerġija u l-pompi tas-sħana. Hija tipprovdi servizzi ta' konsulenza u ta' inġinerija relatati mas-sistemi tat-tkessiħ tal-batteriji għall-vetturi elettriċi. Barra minn hekk, l-impriża konġunta qed tippjana li timmanifattura u tikkummerċjalizza batteriji elettriċi mill-2026.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar trattament simplifikat għal ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn l-impriżi ([2]), jenħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jenħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M. 11411 — BPIFRANCE / MERIDIAM / EXOES

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz ta' email jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Indirizz elettroniku: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 160, 5.5.2023, p. 1.

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË